# KUNSILL LOKALI – L-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**


Minuti tas-seduta numru mija u għaxra (110) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 20 ta' Novembru, 2012, fis-6:35pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Noel Galea | Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |
| | | |
| Skużat: | Charles Farrugia | Deputat Sindku |

1. Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku, Noel Galea, li qal it-talba.

2. Il-minuti tas-seduta preċedenti, wara li kienu korretti mis-Sindku, u li kienu mgħoddija mis-SE lill-Kunsillieri permezz ta' *e-mail*, ittieħdu bħala moqrija, u ġew korretti mill-kumplament tal-kunsillieri waqt il-laqgħa, ġew approvati w ffirmati.

**PUNTI MILL-MINUTI**

3. Is-Sindku awtorizza lis-SE sabiex joħroġ pagament lill-Asflatar Ltd ta' €18,000 għaliex qal li l-kuntrattur qed jagħfsu fil-ħlasijiet peress li rridu nonoraw il-kuntratt ta' pagament kull tliet xhur. Dan minkejja li skont il-kuntratt iffirmat bejn il-Kunsill Lokali u l-kuntrattur, il-bilanċ hemm ċans li jgħaddi sal-aħħar ta' Diċembru, 2013, u ntqal ukoll li dan il-kuntrattur waqa' tard ħafna fix-xogħolijiet.

4. Intant is-SE kien awtorizzat joħroġ offerta pubblika (€35) sabiex isir il-gandott għall-ilma tax-xita fi Triq il-Qattara wara li l-kuntrattur tal-KLM, Asfaltar Ltd, ra li l-istima tal-Perit Bezzina li wkoll kienet approvata fil-laqgħa preċedenti, kienet irħisa wisq.

5. Kien diskuss il-fatt li l-katakombi tal-Mentna imtela' bid-drenaġġ u wkoll il-fatt li Ms Sue Depasquale (Heritage Malta) avviċinat b'dan lis-Sindku. Dwar dan saret allegazzjoni fil-konfront tagħna, fejn it-tort qed jintefa' fuq il-kuntrattur liema korrispondenza ta' dan kollu, is-Sindku qal li ma teżistix. Saret referenza wkoll għal-laqgħa li kellu is-Sindku ma' *Heritage Malta* ftit tal-ġimgħat ilu. Għaldaqstant is-SE kien imqabbad mis-Sindku biex jieħu *feedback* minn għand is-CEO ta' Heritage Malta, is-Sur Joe Scerri permezz ta' *e-mail*. Dan wara li l-istess SE bagħat diversi *e-mails* lil Ms Sue Depasquale li ma weġbitnhiex għalihom u wkoll id-diversi tentattivi biex ikellimha fuq it-telefon, li ma rnexxewx.

6. Is-SE kien awtorizzat mill-KLM sabiex joħroġ l-*awarding letter* lill-kuntrattur Joe Zammit, issa li l-PCRB mhux se jisma' l-każ tal-kumpanija *Dimbros Co Ltd* li oġġezzjonat għal dan. Dan wara li ġiet injorata l-*e-mail* mill-istess PCRB li bagħat is-SE fejn talab direzzjoni dwar x'għandu jsir.

7. Dwar il-proposta tas-Sindku li jinħatt il-ħajt mal-*fence* tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, fi Triq tas-Sejba, is-Sindku qal li s-Sur Facciol hu xettiku għal dan l-aġir għaliex qallu li għandu l-intenzjoni li jħawwel xi ħaġa fejn kienet ġejja ix-xibka.

8. Noel Galea wieġeb lill-Nicholas Briffa, fejn dan ikkritika l-bankina li qed issir bħal issa fi Triq il-Konvoj ta' Sta Marija kantuniera ma' Pjazza Ġublew tad-Djamanti. Is-Sindku qal illi din ġejja bil-konkos u hija skont il-linji l-ġodda li tawna *Transport Malta.* Minkejja li din se tkun wiesa' ħafna, Noel Galea qal li din se tkun eżattament bħal dik tal-faċċata tagħha quddiem il-*garage* tal-mekkanik.

9. Dwar il-*bus shelter* li għandu jitpoġġa minn *Transport Malta* fi Triq tas-Sejba biex jistkennu taħtu dawk li jkunu se jaqbdu l-*Arriva*, is-Sindku qal li hu jinsab f'diskussjoni magħhom u dan se jitwaħħal sal-aħħar ta' Novembru, 2012. Intant, dwar il-ħsarat fl-istess triq, Noel Galea qal li din qiegħda għall-awarding tal-kuntrattur ta' *Transport Malta,* minkejja li m'hemm xejn bil-miktub. Madankollu, aktar 'il quddiem is-Sindku qal li se jeħel *bus shelter* ieħor quddiem il-Każin tal-Futbol fi Triq il-Madonna tal-Ġilju.

10. B'riferenza għall-petizzjoni magħmula minn persuni (mhux biss ir-residenti) fi Triq San Mikiel, intqal illi għandna nikkunsidraw il-proposta ta' laqgħa magħhom. Hawn is-Sindku fittex ritratti ta' din it-triq fost dawk li kienu pprintjati minnu fil-laqgħa pubblika tas-sena l-oħra. Minn dawn irnexxielu jislet ritratt tat-triq maqlugħa, iżda sfortunatament il-gandott ma jidhirx għajr partijiet fejn jidher il-*main* tal-ilma u s-sufuni ftit 'il bogħod minn xulxin.

11. Dwar il-proposta ta' avviż fil-ħarġa li jmiss tal-fuljett sabiex ir-residenti jkunu jafu bil-kors tal-malti bażiku, intqal li dan hu neċessarju sabiex l-għalliem voluntier ikollu rispons mill-pubbliku. Intant is-Sindku talab lill-kunsillieri biex jibgħatu l-artiklu tagħhom mingħajr dewmien ħalli jkun lest għal-ħarġa ta' Diċembru.

12. Dwar Triq it-Torri, is-Sindku qal li nqata' l-ħaxix ħażin u qed nistennew il-kuntrattur Asfaltar Ltd sabiex iwettaq il-mantunzjoni ta' diversi toroq fosthom fi Triq it-Torri Vinċenti. Matul il-laqgħa is-SE kien awtorizzat jagħti l-*purchase order* lill-Veritas Press sabiex jistampa l-ħarġa tal-fuljett li jmiss.

13. Id-domain magħżula għall-website il-ġdida tagħna għall-proġett tal-*Heritage Trail* li jinkludi wkoll il-kostruzzjoni ta' Pjazza Ġublew tad-Djamanti, kienet dik proposta mis-Sindku – *heritagemqabba.*

14. Intant se nitolbu l-kont tax-xogħlijiet li saru fuq il-*website* lill-Clayton J Zammit, direttur ta' *Hive Ltd* kif ukoll lill-*Gutenberg Press* tal-istampar tal-*brochure* sabiex dawn ikun jista' jgħaddihom is-SE lill-Aġenzija tal-Pagamenti, Ministeru tar-Riżorsi u Infrastruttura, peress li huma *line item* fil-Miżura 313.

**AGENDA**

15. Kien ippreżentat u approvat ir-rapport finanzjarju għat-tielet kwart tas-sena li pprepara is-SE. Dan wara li l-istess SE għadda kopja ta' *Trial Balance*, *Statement of Affairs* kif ukoll *Balance Sheet,* flimkien mal-lista ta' kredituri u *print out* tal-*account* ta' Asfaltar Ltd kif ukoll tal-Perit Anthony Bezzina. Nicholas Briffa talab il-*Creditors' Control Account* (14A) filwaqt li qal li l-KLM hu skoperti b'€84,901 sal-aħħar ta' Settembru, 2012. Noel Galea qal li mhux qed inħallsu għall-imgħax fuq il-kreditur Asfaltar Ltd u l-kunsillieri huma konxji ta' dan. Konna nafu minn meta għamilna l-kuntratt ma' Asfaltar Ltd li ser nieħdu aktar wara l-leġislatura sabiex jitħallas.

16. Il-KLM applika fuq il-formula apposta mal-Arms Ltd għall-istallar ta' kaxxa tal-elettriku fi Triq Sta Katerina, biex il-Każin ta' Sta Marija jkun jista jqabbad il-kurrent tal-elettriku għad-dekorazzjonijiet tat-toroq fil-Milied li ġej. Is-Sindku qal li dawn iridu jkunu mixgħula bejn l-1 ta' Diċembru, 2012 u s-6 ta' Jannar, 2012. Intant il-KLM approva l-ħlas daqs tas-snin l-imgħoddija lill-Każin ta' Sta Marija.

17. Intbgħatet ukoll it-talba lill-Kap tal-Iskola sabiex tkun riżervata s-sala fejn il-KLM se jorganizza l-*Party* tal-Milied tat-tfal nhar it-23 ta' Diċembru, 2012. Hawn il-kunsillieri talbu illi din is-sena buffu jkun qed janima din l-għodwa flok *magician,* biex ikun hemm tibdil mis-snin l-imgħoddija. Is-Sindku qal li għal darb'oħra, jekk jaċċetta l-*Father Christmas* se jkun l-istess persuna li d-deputat sindku kien akkwistala l-kostum fis-snin l-imgħoddija. Dwar *sponsors*, is-Sindku talab lill-kunsillieri sabiex jippruvaw isibu per eżempju min jista' joffrielna xi ftit *juices* ecc u dak kollu li jkun utli għal din l-attivita' lit kun organizzata b'xejn.

18. Dwar il-*party* li ġieli kien qed ikun organizzat għall-għaqdiet, din is-sena bħas-sena l-oħra, mhux qed ikun organizzat minħabba li l-vot ta' ospitalita' qabeż il-*budget.* Madankollu inħass il-bżonn li jingħata *token* lill-Kappillan kif ukoll lill-MUSEUM tal-pussess li se jieħu nhar is-Sibt, 1 ta' Diċembru, kif ukoll għall-anniversarju li kellhom mit-twaqqif tagħhom, rispettivament.

19. Dwar l-attivita' li l-KLM se jorganizza xorta biex tikkommemora Jum l-Imqabba, is-SE kien mitlub sabiex nhar is-Sibt, l-24 ta' Novembru, jqabbad lill-impjegati joqgħodu *ushers* waqt is-serata li fiha se jkun mogħti Ġieh l-Imqabba 2012. Il-kunsillieri saħqu sabiex Valerie Galea kif ukoll Kylie Fenech ikunu fis-sala fis-6.30pm minkejja li s-SE qal li m'hemmx għalfejn jibgħatilha *e-mail* formali skont is-suġġeriment tas-Sindku.

20. Dwar il-proposta li saret lis-Sindku mill-Awtorita' tad-Djar sabiex il-kerrejja ta' Binja Ħarriġiet jiffurmaw kumitat biex jimmaniġġjaw l-entratura komuni, intqal illi dawn jekk se jkunu avviċinati mill-KLM se jiksruha aktar milli huma miksura minn ma' xulxin. Il-KLM iddeċieda li għal €5,000 mhux *worth it* li jsir dan l-isforz, u ta' min isemmi li l-entraturi huma miżmuma verament tajba.

21. Nicholas Briffa staqsa dwar il-problemi li ltaqgħet magħhom kif ċirkulat permezz ta' *e-mail* minn Mersia Mackay dwar il-kotba fil-librerija li qed jispustjaw ruħhom. Hawn intqal illi se tibda l-impjegata l-ġdida u Noel Galea qal li se jitlob laqgħa mal-Kap tal-Iskola sabiex jikkjarifika dwar dan, għaliex skont il-ftehim, it-tfal u l-għalliema għandhom il-jedd, jekk mhux ukoll obbligu, li jużaw il-librerija nhar ta' Tlieta u l-Ħamis fil-għodu, biex jagħmlu *reading session.* Grace Marie Mallia qalet illi Mersia Mackay riedet tgħid lilna l-ewwel u mhux lil Ms Falzon kif fil-fatt għamlet. Is-SE qal li hu ma jaħsibiex hekk għaliex preżentement Mersia Mackay mhux qiegħda fuq il-*payroll* tal-Kunsill iżda qed titħallas mid-Dipartiment tal-Libreriji Pubblika.

22. Grace Marie Mallia talbet għal aktar sinjali fejn il-Każin tal-Futbol biex jindikaw li hemm *zebra crossing* meta jkunu resqin il-vetturi lejn il-*ground*. Hija qalet li *caution sign* flimkien ma *Belisha Beacon lights* maz-*zebra crossing* jistgħu isalvaw il-ħajja tan-nies għaliex ir-*road marking* (pupi jaqsmu t-triq) bil-lejl mhux jidhru.

23. Kienet approvata l-*Payment Approval Sheet* numru 452.

24. Il-laqgħa ntemmet fit-20:45pm u l-KLM se jiltaqa' nhar l-4 ta' Diċembru, 2012 fl-istess ħin.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*11/ 12/ 2012 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |